Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 135/2024**

**It-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Victor Curmi | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur David Apap | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Clyde Cauchi | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Paul Azzopardi | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Baskal Saliba | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Għasri

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Kerċem

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

**135.1 Talba**

135.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**135.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

135.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 134 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**135.3 Korrispondenza**

135.3.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza rigward il-Gozo Tourism Awards 2024 Nominations. Hemm diversi kategoriji. Is-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap Agius issuġġerixxa li r-Reġjun Għawdex għandu jkun nominat fuq l-inizjattiva u l-"awarding" tat-titlu *European Year of Gastronomy 2026*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan is-suġġeriment.

135.3.2 Ir-Reġjun Għawdex b'kollaborazzjoni ma' Servizzi Ewropej f'Malta ser jorganizza laqgħa reġjonali nformattiva dwar opportunijiet ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropej għall-Kunsilli Lokali, NGO's u entitajiet oħra Għawdxin. L-Uffiċjal Amministrattiv fuq Fondi Ewropej u Lokali, s-Sur Fabian Galea qed jieħu ħsieb il-loġistika u kif ukoll jikkordina din il-laqgħa mal-uffiċjali tas-SEM. Din ser issir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, fis-sala l-ġdida tal-Każin tal-Banda Santa Margerita, f' Ta' Sannat minn 4:30 sas-sitta ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat korrispondenza u calendar invite dwar din il-laqgħa.

135.3.3 Il-President informa lill-membri preżenti li għal darb' oħra l-partnership fil-Proġett tal-ERASMUS+ "European Youth Orchestra" ġie kkonfermat. Din hija esperjenza unika għal mużiċisti żgħazagħ residenti f'Għawdex, biex imorru barra minn Malta u jiltaqgħu, jitgħallmu u jdoqqul-mużika ġo orkestra magħmula minn mużiċisti u artisti żgħazagh oħra ta' talent minn madwar l-Ewropa kollha. Ħawnhekk, se jikkollaboraw, jiopprattikaw għadd ta' biċċiet mużikali, li se jintwerew waqt kunċert mużikali waqt in-Nouveau Festival 2025 fir-Reġjun ta' Nouvelle-Aquitaine fi Franza bejn il-11 u 17 ta' Mejju 2025. L-ikel u l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti kollha se jkunu koperti mill-organizzaturi tal-proġett, filwaqt li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar inklużi, bħal titiriet biex jaslu fid-destinazzjoni tal-festival, huma ffinanzjati sa massimu ta' €309.00 għal kull parteċipant. Il-Kunsilli Lokali rispettivi tal-mużiċisti żgħażagħ li se jkunu magħżula jkollhom bżonn jagħmlu tajjeb għad-differenza minima fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar, jekk l-ispiża tat-titjiriet taqbeż it-€309 għal kull persuna.

**134.4 Rapport tal-Bord tal-Għażla tad-Direttur Artistiku għar-Reġjun tal-Kultura - Gozo 2025.**

135.4.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva r-rapport tal-bord tal-għażla tad-Direttur Artistiku għar-Reġjun tal-Kultura 2025. Dan ġie aċċettat u approvat mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Għalhekk għandha tiġi nformata s-Sa Elyse Tonna dwar il-ħatra tagħha bħala Artistic Director u sabiex tibgħat il-konferma ta' aċċettazzjoni tagħha.

**135.5 <u>Rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar is-servizz tal-manutenzjoni tal-bozoz (LEDs) li huma devoluti lir-Reġjun.</u>**

135.5.1 Ir-Reġjun ġie ppreżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni "Framework Contract for the Maintenance of Energy Efficient Street Lighting in several Localities in Gozo". Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport li ngħata lil l-aktar wieħed vantaġġjuż. Ġie spjegat li issa r-Reġjun ser ikollu kontroll fuq il-kuntrattur, u mhux kif kien fil-passat meta l-Kuntrattur attwali kien impjegat minn diversi "suppliers". Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport. L-aktar offerta vantaġġjuża hija dik tas-Sur Richard Cauchi minn fost l-erba (4) offerti li ġew sottomessi. Ir-Reġjun qed jaħdem biex sakemm jitlesta s-software l-ġdid ikun sistemma temporanja ta' kif jiġu r-rapportati l-bozoz LEDs mar-Reġjun u mal-kuntrattur.

**135.6 <u>Rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar "Procurement of Software Development Services.</u>**

135.6.1 Ir-Reġjun Għawdex ġie ppreżentat rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar it-tender tas-"Software Development Services and Mobile Application". Ġiet rrakkomandata il-kumpanija Seasus Limited, peress li din kienet l-aktar waħda vantaġġjuża minn fost l-erba (4) offerti li ġew sottomessi. Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport.

135.6.2 Din il-Mobile Application ser tkun il-bażi ta' kif jiġu rrappurtati l-bozoz. Dawn ir-rapporti li jidhlu minn fuq il-mobile application, se jidħlu lill-Kunsilli rispettivi sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jirrapportawhom. Il-Kunsill se jkollu kuntroll fuq kull rapport.

135.6.3 Il-President informa lill-membri li fuq din l-istess sistema ser jkunu jistgħu jiġu rrappurtati l-ilmenti dwar il-ġbir ta' l-iskart.

**135.7 <u>Applikazzjonijiet għall-proġetti tal-EU (Spjegazzjoni mill-Maniġer inkarigat):</u>**

135.7.1 L-Uffiċjal Amministrattiv fuq Fondi Ewropej u Lokali, s-Sur Fabian Galea kien preżenti fuq talba tar-Reġjun, sabiex jispjega l-proġetti li ġew approvati fl-aħħar laqgħa. Huwa ta' informazzjoni dwar dawn il-proġetti:

(a) Proġett taħt l-Interreg Euro-Med Programme intitolat '***TO****urism* ***U****tilizing* ***R****esilient water ecosystems for* ***QU****ality improvement,* ***O****ptimizing* ***I****sland* ***S****ustainability and* ***E****nvironmental collaboration* - ***TOURQUOISE***'. Is-Sur Galea spjega li l-objettiv ġenerali ta' dan il-proġett huwa li jsaħħaħ it-turiżmu sostenibbli f'żoni ta' gżejjer Mediterranji billi jistabbilixxi Ekosistemi Integrati ta' Ilma Sostenibbli ffokati fuq il-konservazzjoni tal-ilma u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan jinkiseb billi jinvolvi t-turisti u l-komunitajiet lokali fi sforzi kollettivi biex inaqqsu n-nuqqas ta' ilma, jimplimentaw prattiċi ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistema, u jsaħħu r-reżiljenza kontra diżastri relatati mal-klima. Infatti, karatteristika unika tal-proġett hija s-sinerġija bejn it-turisti u l-komunitajiet lokali. It-turisti, li normalment huma meqjusa bħala viżitaturi temporanji, se jsiru parteċipanti attivi fis-soluzzjoni, u jrawmu sens ta' responsabbiltà kondiviża u apprezzament. Dan l-approċċ mhux biss itejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma imma wkoll isaħħaħ it-tessut soċjali u ekonomiku tal-gżejjer, u jagħmel il-komunitajiet iktar reżiljenti u magħquda. Biex jilħaq dan, il-Proġett TOURQUOISE se jintroduċi "mobile app" li tuża l-gamifikazzjoni biex tħajjar lit-turisti jadottaw drawwiet li jiffrankaw l-ilma. It-turisti jistgħu jiksbu punti u premji billi jlestu sfidi ta' kuljum, bħal li jieħdu doċoċ iqsar, jerġgħu jużaw xugamani, u jieklu f'restoranti li jħaddnu l-ekoloġija. Din is-sistema teduka lit-turisti dwar il-konservazzjoni tal-ilma waqt li tħeġġiġhom b'inċentivi tanġibbli. Ir-Reġjun t'Għawdex huwa imniżżel bħala wieħed mill-Partners ta' dan il-Proġett u qed nistennew risposta jekk l-applikazzjoni tagħna għaddietx mill-ewwel fażi tal-evalwazzjoni taħt il-Programm Interreg Euro-Med.

(b) Proġett tat-Town Twinning taħt il-programm Citizens Equality Rights & Values Programme (CERV) ma' Jerez de la Frontera li hija belt fi Spanja li bħar-Rabat Città Victoria, qed tikkontesta għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. L-Assoċjazzjoni Kulturali Ateneo (ACAJ) f'Jerez de la Frontera, b'koordinazzjoni mal-Gvern Lokali ta' Jerez, żviluppat proġett imsejjaħ 'CulturePIE - Promoting Inclusion & Equality through Culture' flimkien ma' Reġjun Għawdex. Dan il-proġett għandu jwitti t-triq għal ftehim ta' ġemellaġġ bejn il-belt ta' Jerez de la Frontera fi Spanja u r-Rabat Cittá Victoria f'Għawdex. Din il-kollaborazzjoni hija important ħafna, speċjalment minħabba l-fatt li ż-żewġt ibliet huma t-tnejn kandidati għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2031. Is-Sur Galea enfasizza l-punt li l-involviment tagħna f'dan il-proġett taħt il-Programm CERV, żgur se jgħin il-proċess tal-Belt Kapitali Ewropeja 2031 għaż-żewġt ibliet.

Dan il-proġett jirrispondi għal sejħa għall-proposti għall-Ġemellaġġi bejn il-Bliet taħt il-Programm (CERV) tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura. Permezz ta' dan il-proġett, l-ACAJ) u r-Reġjun Għawdex flimkien Kunsill tar-Rabat Cittá Victoria f'Għawdex se jaħdmu flimkien fuq dawn l-objettivi speċifiċi:

1. Tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn ir-Rabat Cittá Victoria f'Għawdex (Malta) u Jerez de la Frontera (Spanja) permezz ta' skambji kulturali u artistiċi, b'enfasi fuq tradizzjonijiet lokali u espressjonijiet artistiċi, inkluż analiżi ta' aspetti kulturali komuni li jsaħħu l-kandidatura tagħhom għal Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2031.

2. Nippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' workshops ma' nisa mexxejja fil-komunitajiet, intejbu s-sitwazzjoni tan-nisa immigranti etniċi permezz ta' attivitajiet li fihom jistgħu juru u jipprovwovu l-kultura tagħhom, u jinkuraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà.

3. Niffaċilitaw l-integrazzjoni soċjali tal-immigranti billi tintuża l-kultura bħala mezz ta' inklużjoni u parteċipazzjoni.

4. Naqsmu esperjenzi u prattiċi kulturali li jtejbu l-inklużjoni abbażi ta' ġeneru, etniċità, u immigrazzjoni.

L-applikazzjoni ġiet sottomessa u qed nistennew ir-riżultat tal-evalwazzjoni mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura, jekk il-proġett giex approvat għall-fondi jew le.

## 135.8 <u>Attivitajiet tal-Milied 2024.</u>

135.8.1 Il-President tar-Reġjun informa lill-membri li ser issir laqgħa mal-President ta' Malta fuq talba tagħha fis 19 jew 20 ta' Diċembru. Jingħataw aktar dettalji kif dawm jaslulna.

135.8.2 Il-Festin tal-Milied għall-membri tal-Kunsill. Il-President informa lill-membri li l-Festin tal-Milied għall-membri eletti tal-Kunsill, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema ser issir nhar il-Ħadd,1 ta' Diċembru. Aktar dettalji se jingħataw fil-ġranet li ġejjin.

135.8.3 L-Inizjattiva Milied Solidali. Hija x-xewqa tar-Reġjun Għawdex li għal sena oħra terġa' tingħata Ikla tal-Milied lil dawk l-anzjani jew morda kif ukoll persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew anke koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom, u li din l-ikla titwasslilhom fil-post fejn jgħixu fil-ġurnata tal-Milied. Għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali interessati li jipparteċipaw f'din l-inizzjattiva nobbli, huma mistiedna jinfurmawna bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-għoti ta' din l-Ikla jew mod ieħor sabiex ir-Reġjun Għawdex

ikun f'pożizzjoni li jittratta ma' entitajiet oħra sabiex magħhom jikkoordina l-għoti ta' din l-ikla fil-ġurnata tal-Milied. Importanti li kull Kunsill jagħtina n-numru eżatt ta' ikliet li għandu bżonn. Aktar dettalji ser jintbagħtu lill-Kunsilli fil-jiem li ġejjin.

135.8.3 Kartolini tal-Milied. Il-President fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob ritratt lill-fotografu Daniel Cilia sabiex jintuża mir-Reġjun Għawdex fuq il-kartolina tal-Milied.

**135.9 <u>Approvazzjoni tat-tielet Rapport ta' Kull Kwart Jannnar-Settembru 2024.</u>**

135.9.1 L-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea kien indispost u għalhekk ma kienx preżenti. Ir-rapport ta' kull kwart Jannar-Settembru kien ġie ċċirkulat lill-kull membru qabel il-laqgħa. Fit-tielet kwart tas-sena 2024 ir-Reġjun qed juri deficit ta' madwar €381,098. Id-dejn naqas mill-aħħar kwart peress li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bdiet jagħmel tajjeb għall-VAT fuq l-iskart riċiklabbli u għall-ġbir ta' skart riċiklabbli kummerċjali. Meta r-Reġjun jibda jitħallas mill-PRO's (Producer Responsibility Organisation) tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli, id-dejn jitlaq. Dan minħabba l-kwistjoni tal-ġbir tal-iskart. Ir-Reġjun mhux jieħu l-fondi mingħand il-PROs (tal-iskart riċiklabbli).

**135.10 <u>Write off ta' Assi skond il-Management Letter.</u>**

134.10.1 Fl-ittra tal-awdituri ġie nnotat li hemm diversi tagħmir elettroniku li kien ntrema iżda għadhom jidhru fl-assi tar-Reġjun Għawdex. Dawn huma: computer, printer u UPS mixtrijin fis-sena 2010 għall-prezz ta' €1,117. Ġie nnotat li hemm siġġu (Executive chair) li huwa miksur iżda dan ukoll għadu jidher fl-assi. Dan nxtara għal prezz ta' €105 fis sena 2015. Il-membri approvaw li dawn jiġu mneħħija minn fuq l-assi tar-Reġjun.

**135.13 <u>Materji oħra.</u>**

135.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li f'dawn l-aħħar jiem, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Proġetti, żaru l-iskejjel, il-Middle u s-Secondary schools. Waqt din iż-żjara sar tqassim ta' fliexken tal-ilma (reusable) lill-istudenti sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar il-bżonn tat-tnaqqis ta' plastik. Wieħed irid jinnota li fl-iskejjel twaħħlu "water fountains" għall-użu tal-istudenti.

135.11.1 Waqt iż-żjara inġibdet l-attenzjoni mill-management tal-Middle School li jixtiequ li jkollhom stand tar-roti, filwaqt li fis-skola sekondarja kien hemm diversi nuqqasijiet fosthom air conditions fil-klassijiet, li dawn jintużaw għall-eżamijiet, tibdil fit-tapiti tal-grawnd fejn jilgħabu, water fountain fil-grawnd u refurbishment tas-sala tal-iskola. Il-President issuġġerixxa li r-Reġjun jara dwar fondi għal dawn in-nuqqasijiet. Fir-rigward tal-water fountain jistgħu jinġabru l-kwotazzjonijiet u kif ukoll għall-istand tar-roti. Dwar l-air conditioners għandha tintbagħat talba lill-Ministru tal-Edukazzjoni. Ir-Reġjun għandu jara dwar fondi disponibbli għat-tapiti u refurbishment tas-sala. Is-Sindku tar-Rabat staqsa għaliex għandu jidħol fir-refurbishment tas-sala. Il-President ikkummenta li r-Reġjun ikun jista juża din is-sala,speċjalment fl-impenji tas-Sena tal-Gastronomija 2026 u jekk ir-Reġjun jirbaħ it-titlu tas-Sena tal-Kultura 2031.

135.11.1 Is-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieg talab sabiex issir press release dwar il-kwistjoni li kien hemm fis-sajf fir-rigward tal-baħar ta' Ħondoq imniġġeż mit-*Tuna* fish farms. Il-President issuġġerixxa li minflok press release, nibdew biex niltaqgħu ma' min hu responsabbli. Hu qal li ser jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat il-kuntatt ta' dawn il-persuni.

135.11.1 Is-Sindku tal-Munxar, is-Sur Damien Spiteri staqsa dwar it-tiġdid tal-ID cards fl-irħula. Il-President informa lill-membri preżenti li t-tiġdid ser isir minn kull raħal. Kif ukoll it-tilqim tal-influwenzi.

135.11.1 Il-President talab sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tiġi nkluża fiċ-chat tal-WhatsApp tas-Sindki. Dan sabiex tkun infurmata. Fuq din in-nota l-President irrimarka li c-Chat mhix alternattiva jew sostitut tal-attendenza għall-laqgħat tar-Reġjun. Hu kompla jgħid li hu, kif ukoll l-uffiċċju tar-Reġjun huma dejjem disponibbli għas-Sindki u membri tal-Kunsilli.

135.11.1 Is-Sindku tal-Munxar, is-Sur Damien Spiteri lmenta dwar l-iskart (boroż suwed) li qed jitħallew fl-area tal-parking fix-Xlendi. Il-kuntrattur mhux obbligat li jiġbor dan l-iskart għaliex mhux qiegħed quddiem residenza. Is-Sindku qed jistaqsi min ser jiġbor dan l-iskart. Din hija xi ħaġa li qed tiġri fuq bażi regolari. Qed ikun hemm l-istess problemi f'Marsalform u r-Rabat (Victoria). Is-Sur Spiteri talab biex tintbagħat korrispondenza lill-Ministru tat-Turiżmu u Tindif Pubbliku, lill-Ministru għal Għawdex,u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 135.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

135.12.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 145 li kienet tammonta għal €178,890.96

## 135.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

135.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgħa, 22 ta' Novembru fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |